# Il-Malti

## Rivista tal-Akkademja tal-Malti

Ta' Barra Minn Hawn:

Ir-Razza u r-Radika fil-Letteratura Maltija

*Editur* Marco Galea

ĦARĠA SPEĊJALI
LXXXIII
2011

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti

**klabb kotba maltin**

# Werrej

Kelmtejn qabel ........................................ 1

Fil-bidu kien il-verb… u l-verb kien Malti: il-ġenesi tal-letteratura bil-Malti u l-identità nazzjonali
Marco Galea ........................................ 3

L-għeruq kulturali ta' identità Maltija: miti Nsara u memorja soċjali f'soċjetà Mediterranja limitata
Carmel Cassar
traduzzjoni ta' Colette Seychell ........................................ 15

X'ħasibna? Għarab slavaġ tal-Mokololo? L-identità u l-Ewroċentriżmu fil-kitba ta' Manwel Dimech
Michael Grech ........................................ 46

Lhud Fariżej u Nsara tajbin fir-rumanz Malti tas-snin tletin
Adrian Grima ........................................ 86

Arkeoloġija tal-plastik: l-identità Maltija kontemporanja u l-istorja
Raphael Vella ........................................ 143

Il-kelma tal-kittieb bejn "il-barka u s-saħta"
Paul Pace s.j. ........ 148

Ta' barra minn hawn: kummentarju
Anna Zammit ........ 153

Nota dwar il-kontributuri ........ 175

Biblijografija ........ 177

# Kelmtejn qabel

Marco Galea

Din il-ġabra ta' kitbiet taf il-bidu tagħha lil seminar li organizzat l-Akkademja tal-Malti dwar ir-rabta bejn ir-razza u l-kultura. Meta sar is-seminar, fl-2007, pajjiżna kien qed jipprova jifhem kif għandu jġib ruħu man-nies li kienu qed jaslu fuq xtutna mill-Afrika ta' Fuq wara li jkunu għamlu vjaġġ diffiċli u twil, il-biċċa l-kbira tagħhom miċ-Ċentru tal-Afrika. Il-midja ttrattat din il-problema b'superfiċjalità, il-klassi politika bil-kawtela u ċ-ċiniżmu ta' min irid jara x'jaqbillu qabel jiftaħ ħalqu. L-ispazju kien qed jimtela bid-diskors mimli passjoni ta' min ra l-miġjiet ta' dawn il-bnedmin li kellhom, għal ħafna raġunijiet, jitilqu minn pajjiżhom u jersqu lejn l-Ewropa, bħala theddida għall-istabilità ekonomika, militari u reliġjuża ta' Malta. L-aktar diskors komuni kien, u għadu, bħalma hu f'ħafna nħawi tal-Ewropa, li dawn il-"barranin" kienu se jheddu l-identità "tagħna" bħala Ewropej, jew bħala Maltin.

F'dan id-dawl, il-kontribut tagħna jrid jinftiehem bħala sforz biex ninvolvu l-komunità tal-kittieba fid-diskors tal-identità tagħna bħala Maltin, mhux aktar bħala nies li writna biss sett ta' valuri mill-passat imma bħala poplu li qiegħed dejjem jinbidel u b'ħafna modi. Il-kontribuzzjonijiet f'dan il-volum huma tentattiv biex tinftiehem din l-identità f'relazzjoni mal-ieħor, il-barrani, kemm jekk ikun għadu, immigrant jew inkella turist. L-eżempji li ħadna huma l-aktar mil-letteratura, imma hawn ukoll eżempji minn oqsma oħra tal-kultura. Id-diskors dwar xogħlijiet kanoniċi bħal *Il-Ġifen Tork* ta' Ġananton Vassallo, *Taħt Tliet Saltniet* ta' Ġużè Aquilina u l-ġurnaliżmu ta' Manwel Dimech bl-

ebda mod m'għandu jiftiehem bħala sforz biex dawn il-kittieba jitneħħew minn fuq il-pedestall tagħhom iżda biex jintwerew bħala bennejja tal-mudelli tal-ħsieb dwar l-identità tal-Maltin li kienu fundamentali tul l-aħħar mitt sena. L-għan aħħari hu li dan il-volum jinforma l-mod kif naħsbuha dwarna nfusna u dwar "l-oħrajn", żewġ kategoriji li għandhom mnejn huma aktar fluwidi milli rridu nammettu.

Nixtieq nagħti ħajr lil kull min ta sehmu biex is-seminar u dan il-volum ikunu jistgħu jseħħu, għas-seminar l-aktar lil Adrian Grima u lil Immanuel Mifsud li organizzawh miegħi, u lil Olvin Vella u lil George Farrugia tal-għajnuna li taw waqt is-seminar. Nirringrazzja wkoll lil Monica Wiedersum, lil Joseph Mizzi, lil Joseph P. Borg u lil John Busuttil Leaver għall-ħidma tagħhom fil-produzzjoni ta' dan il-volum. Fl-aħħar nett, nirringrazzja lil Reno Fenech li dar it-test għall-konsistenza u sab mijiet ta' żbalji li kienu qabżu lill-għajnejn anqas imħarrġa tiegħi.

Nittama li min jaqra dawn l-istudji jsibhom utli.

Ġunju 2011